MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2013

Appell Civili Numru. 11/2011/1

**Il-Perit Michael Falzon u Saviour Balzan**

**v.**

**L-Avukat Generali; Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali u l-Avukat Dottor Michael Falzon**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrenti il-Perit Michael Falzon u Saviour Balzan minn sentenza mogħtija fit-30 Marzu 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li permezz tagħha dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat (Avukat

Dottor Michael Falzon), laqgħet it-tieni (markata 2.1) u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat Dottor Falzon u t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż tal-kawża a karigu tar-rikorrent.

**Ir-rikors promotorju tar-rikorrenti Perit Michael Falzon u Saviour Balzan**

**2.** Bir-rikors tagħhom tad-9 ta' Marzu 2011 ir-rikorrenti Perit Michael Falzon u Saviour Balzan talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti:

"(1) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju, 2010 u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru, 2010 fl-atti tar-rikors bin-numru: 219/2007/SM fl-ismijiet **"Dr Michael Falzon vs Il-Perit Michael Falzon u / jew Saviour Balzan fil-kapaċita' tiegħu bħala l-Editur tal-Maltatoday"** u b'mod partikolari bil-kundanna kontenuta f'dawk is-sentenzi biex l-esponenti jħalsu danni taħt l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta) lill-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti tal-liberta' tal-espressjoni kif sanċit fl-Artikolu 41 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

"(2) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeċiedi illi bis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Mejju, 2010 u mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru, 2010, fl-atti tar-rikors bin-numru: 219/2007/SM fl-ismijiet **"Dr Michael Falzon vs Il-Perit Michael Falzon u / jew Saviour Balzan fil-kapaċita tiegħu bħala l-Editur tal-Maltoday"** ġie wkoll leż id-dritt tal-esponenti għal smiegħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 6 tal-Koinvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

"(3) fit-tielet lok, tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-driettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif garantiti taħt il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-

Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Kostituzzjoni ta’ Malta u dana, fost affarijiet oħra, billi tikkwantifika kumpens xieraq u adegwat għal-leżjoni mġarba mill-esponenti u tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-ammont hekk kwantifikat lill-esponenti;

“u dana taħt dawk il-provvedimenti li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.”

**3.** Il-fatti miġjuba fir-rikors promotorju u li minnhom jilmentaw ir-rikorrent huma kif ġej:

“2.1 L-esponenti Michael Falzon huwa artikolista illi b’mod regolari jesprimi l-opinjoni tiegħu f’diversi meżżi tax-xandir, fosthom il-ġurnali lokali, dwar materji li jkunu ta’ interess pubbliku;

“2.2 L-esponenti Saviour Balzan huwa l-editur tal-gażżetta “Maltatoday” – gażżetta illi fiha l-esponenti jippubblika artikoli b’mod regolari u għalhekk jikkomunika l-opinjoni, idejat u tagħrif illi huwa jkollu;

“2.3 L-intimat, l-Avukat Dottor Michael Falzon, kien, fil-mument illi nbdew il-proċeduri ġudizzjarji impunjati bħala leżivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti f’din l-istanza, deputat mexxej tal-Partit Laburista u s’intendi involut b’mod attiv fil-kampanja illi ppreċediet l-elezzjonijiet ġenerali tas-sena 2007;

“2.4 Ġara illi nhar il-Ħadd 6 ta’ Mejju 2007 l-imsemmi ntimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ta diskors pubbliku ġewwa ċ-Ċentru Laburista, Rabat, Malta, fejn, fost affarijiet oħra, semma “e-mail” anonima illi kien irċieva, ittri ta’ theddid, rapport illi kien għamel direttament mal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, u diskors illi kien għadda bejnu u bejn l-istess Kummissarju tal-Pulizija;

“2.5 Dan id-diskors pubbliku kien wassal għal diversi rapporti fil-meżżi tax-xandir lokali, fosthom pubblikazzjoni ta’ opinjoni da parti tal-esponenti Saviour Balzan;

“2.6 L-esponenti l-Perit Michael Falzon ippubblika l-opinjoni tiegħu fl-artikolu intitolat *“Policing one’s enemies”*

illi deher fil-gażżetta "Maltatoday" ta' nhar il-Ħadd, 13 ta' Mejju, 2007 u fejn – in suċċint – l-esponenti filwaqt illi bbaża ruħu fuq l-istess fatti dikjarati mill-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon fid-diskors imsemmi, esprima u kkomunika l-opinjoni tiegħu fuq l-istess. L-esponenti Saviour Balzan kien, fil-jum tal-pubblikazzjoni, l-editur tal-gażżetta "Maltatoday";

"2.7 Nhar is-17 ta'Lulju, 2007, l-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon ipproċeda b'kawża ta' libell bir-rikors bin-numru 219/2007/SM kontra l-esponenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li b'sentenza mogħtija nhar l-4 ta' Mejju, 2010 sabet illi l-artikolu tal-esponenti l-Perit Michael Falzon u ppubblikat mill-esponenti Saviour Balzan kien libelluż u malafamanti fil-konfront tal-intimat l-Avukat Dottor Michael Falzon u kkundannat lill-esponenti l-Perit Michael Falzon iħallas lill-imsemmi intimat l-ammont ta' elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) u lill-esponenti Saviour Balzan iħallas l-ammont ta' elf Euro (€1,000) kif ukoll illi l-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu ugwalment bejn l-esponenti;
"2.8 L-esponenti appellaw minn din is-sentenza;

"2.9 Permezz ta' sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Ottubru, 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ċaħdet iż-żewġ appelli ppreżentati mill-esponenti u kkonfermat is-sentenza appellata, bl-ispejjeż ġudizzjarji wkoll jinqasmu ugwalment bejn l-esponenti;"

**4.** Ir-raġunijiet miġjuba fir-rikors promotorju u li għalihom jilmentaw ir-rikorrenti huma sostanzjalment li ġejjin.

**5.** Inkwantu għal-allegata leżjoni tad-dritt fundamentali għal-liberta` ta' espressjoni:

- il-pubblikazzjoni inkwistjoni ma kien fiha xejn libelluż u jew malfamanti fil-konfront tal-intimat Avukat Dottor Michael Falzon għaliex tikkonsisti f'fatti sostanzjalment korretti li ġew imxandra u mistqarra pubblikament mill-istess Avukat Dottor Michael Falzon fil-jiem qabel il-pubblikazzjoni;

- il-pubblikazzjoni inkwistjoni hija espressjoni ta' opinjoni u kritika leġittima ta' persuna li kienet tokkupa kariga pubblika, permissibbli f'soċjeta` demokratika;

- hija ġurisprudenza paċifika tal-Qrati nostrani u tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem li persuna pubblika għandha tkun aktar tolleranti għal kritika da parti tal-mezzi ta' komunikazzjoni;

- l-artikolu inkwistjoni, apparti fatti dikjarati mill-istess intimat, kien jikkontjeni *value judgment* jew opinjoni li r-rikorrenti kellhom, jew min minnhom, kull dritt li jikkomunikaw pubblikament;
- l-ilment tagħhom li l-kawża ta' libell kienet ser tilledi d-dritt tagħhom għal-liberta` ta' espressjoni ġie injorat kemm mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri).

**6.** Inkwantu għall-allegata leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq:

- il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illediet dan id-dritt meta sfilzat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent Perit Michael Falzon waqt li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) għamlet l-istess meta injorat l-appell tar-rikorrenti mid-digriet li bih ġie ordnat l-isfilz;

- il-Qorti tal-Maġistrati llediet dan id-dritt (u d-dritt għal-liberta` ta' espressjoni) meta rreferiet għall-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet li kienu invenzjonijiet li saru biss mill-Qorti tal-Maġistrati u li r-rikorrenti qatt ma għamlu jew implikaw u li għalihom r-rikorrenti qatt ma kellhom iwieġbu;

- il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) wkoll kisret dan id-dritt (u d-dritt għal-liberta` ta' espressjoni) meta injorat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fuq l-imsemmija invenzjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati u kkonfermat is-sentenza minnhom appellata a bażi ta' raġunament ugwalment gratuwitu għalkemm differenti u inqas estrem minn dak tal-Qorti tal-Maġistrati.

**Ir-risposta tal-intimat Avukat Dottor Michael Falzon**

**7.** Fir-risposta tiegħu tat-18 ta' Marzu 2011 l-intimat Avukat Dottor Michael Falzon, wara li eċċepixxa l-illeġittimita` passiva tiegħu u li r-rikors promotur kien frivolu, vessatorju u abbużiv tal-proċess ġudizzjarju peress li ma kienx għajr appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), sostna fil-mertu li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali sanċiti bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikoli 6 u 10 tal-Konvenzjoni u dan għar-raġunijiet mogħtija fl-istess risposta.

**Ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali**

**8.** Fir-risposta tiegħu tal-21 ta' Marzu 2011 l-intimat Avukat Ġenerali, wara li ssottometta li l-Qorti ma kellhiex tikkunsidra r-rikors intavolat peress li ma kienx għajr tentattiv sabiex tinkiseb reviżjoni tal-fatti tal-każ kif interpretati mill-Qrati f'żewġ istanzi u kien jammonta għal appell inammissibbli minn sentenza tal-Qorti tal-Appell, insista li ma kien hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali għal-liberta` tal-espressjoni u għal smigħ xieraq u dan għar-raġunijiet mogħtija fir-risposta tiegħu.

**Ebda risposta mill-intimat mid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali**

**9.** Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali ma ppreżentax risposta għar-rikors promotorju.

**Is-sentenza appellata**

**10.** Wara li rriproduċiet ir-rikors promotorju tal-ġudizzju u r-risposti tal-intimati Avukat Dottor Michael Falzon u tal-Avukat Ġenerali l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża kif fuq ingħad[1] wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

[1] Ara par. 1 *supra*

"Illi l-ewwel eċċezzjoni ta' Dottor Falzon hija li ma huwiex leġittimu kontradittur għaliex huwa qatt ma seta' kien il-kaġun li jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti. Madankollu l-Qorti ma taqbilx għaliex huwa ċar li l-istess Dottor Falzon kien parti fil-proċess ġudizzjarju li qed jiġi attakkat u allura kellu nteress ċar li jiġi ċitat. Għalhekk din l-eċċezzjoni hija respinta.

"Illi t-tieni eċċezzjoni tal-istess Dottor Falzon u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali hija fis-sens li r-rikors promotur huwa abbużiv tal-proċess ġudizzjarju billi huwa biss tentattiv biex il-Qorti tagħti interpretazzjoni differenti tal-fatti tal-każ li hija differenti minn dik ġja' mogħtija; fi kliem ieħor biex jinfetaħ mertu ta' kawża li *gia* għaddiet in ġudikat."

**11.** Wara li ċċitat mis-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Jannar 2010 fl-ismijiet **Mark Lombado et v. Kunsill Lokali Fgura** l-ewwel Qorti kompliet hekk:

"Illi ***prima facie*** għalhekk il-Qorti ma tistax tgħid li kawża simili ma tistax tiġi intavolata u tilqa' din l-eċċezjoni mingħajr ma tinvestiga jekk fil-fatt ir-rikorrenti humiex qed jitolbu reviżjoni tas-sentenza li għaddiet in ġudikat (xi ħaġa li ma jistgħux jagħmlu) jew li din il-Qorti tiddeċiedi kienx hemm infrazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-proċeduri in kwistjoni (li min-naħa l-oħra l-Qorti jekk mitluba tista' tagħmel). Dan ifisser allura li din il-Qorti trid teżamina l-kawżali li qed jipproponu r-rikorrenti biex tiddeċiedi dan il-kweżit.

"Illi dawn ġew spjegati a fol 4 *et sequitur* tal-proċess u ċjoe' fir-rikors promotur; ir-rikorrenti jgħidu *inter alia,* illi l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha *'irreferiet għall-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet illi l-esponenti ma għamlux u ma implikawx lanqas lontamanent fl-artiklu'* Hawnhekk ir-rikorrenti jiċċitaw partijiet mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fejn ingħad illi l-attur f'dik il-kawza *'immanipula lill-Kummissarju tal-Pulizija jew li dan tal-aħħar sofra xi pressjoni tali li mpedietu fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu'*. Huma jkomplu jgħidu li huma qatt ma

għamlu dawn l-allegazzjonjiet u lanqas ma mplikawhom fl-artikolu in kwistjoni. Fl-aħħarnett fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, ir-rikorrenti ndikaw partijiet fis-sentenza tagħha (bħal li r-rikorrenti hu xi *deus ex machina* li jiġbed il-ħbula tal-Pulizija biex jilħaq l-għanijiet tiegħu) li fil-fehma tagħhom, huma nvenzjonijet imżewwqa li saru biss mill-istess Qorti.

"Illi r-rikorrenti imbagħad jgħidu li l-Qorti tal-Appell injorat għal kollox is-sottomissjonijiet li għamlu u kkonfermat is-sentenza għal raġunijiet differenti minn dawk tal-Qorti tal-Maġistrati iżda dejjem fil-fehma tagħhom dawn ir-raġunijiet kienu ugwalment gratwiti u li bl-ebda mod ma jirriżultaw.

"Illi l-Qorti jidhrilha li kif sewwa eċċepew l-intimati, fil-parti l-kbira tar-rikors, ir-rikorrenti qed jittentaw reviżjoni ta' deċizjoni li għaddiet in ġudikat; u ftit huma l-indikazzjonijiet fir-rikors promotur li il-konklużjonijiet tal-Qorti kisru d-dritt fundamentali tagħhom. Huma qed jallegaw li l-Qorti tal-Maġstrati interpretat ħażin l-artikolu in kwistjoni iżda dan ma jfissirx li kien hemm ksur tal-artikoli ndikati minnhom. Wieħed jista' ma' jaqbilx mal-konklużjonijiet ta' sentenza tal-Qorti iżda dan ma jfissirx li b'daqshekk ikun hemm ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja. Hawn ta' min jgħid li fil-fatt, ir-rikorrenti lanqas għandhom għal kollox raġun meta jgħidu li huma qatt ma allegaw li l-attur f'dawk il-proċeduri mmanipola l-Kummissarju tal-Pulizija; l-istess artikolu infatti jsaqsi *'has not MLP Deputy Leader Michael Falzon successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent law-abiding private citizen whom he suspected could be a political enemy?'* Naturalment hawn wieħed irid jidħol fil-kwistjoni jekk il-kelma *'used'* li niżżel l-artikolista tfissirx *'immanipula'* – dwar dan il-Qorti tikkumenta aktar 'il quddiem. Din il-konstatazzjoni apparti pero' jirriżulta ċar li r-rikors promotur – li naturalment dejjem huwa l-bażi ta' dak li l-Qorti għandha tieħu konjizzjoni – jinkludi biss kawżali waħda li tiġġustifika l-azzjoni odjern. Din tinsab fil-paragrafu 3.3 tar-rikors fejn huma kellhom kull dritt jippubblikaw dak li fil-fehma tagħhom kien *'value judgment'* dwar il-każ in kwistjoni; il-lanjanza dwar l-isfilz

tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ma hijiex ġustifikata għaliex dik kienet miżura proċedurali li l-Qorti kellha kull raġun li tagħmel.

"Illi r-rikorrenti ma humiex jgħidu per eżempju li l-Qrati msemmija biddlu l-binarju tal-kawża bi żvantaġġ għal min kien qed jiddefendi l-kawża – kif il-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet fil-kawża ta' **Lombardo** fuq imsemmija – jew għall-inqas fejn u kif l-proċeduri u s-sentenza in kwistjoni ħonqu d-dritt tal-espressjoni tagħhom. L-interpretazzjoni nnifisha tal-Qorti tal-Maġistrati ma jistax jingħad li kisret xi prinċipju kostituzzjonali anke jekk ir-rikorrenti jqisuha bħala invenzjoni mżewqa; f'dak il-każ kien il-kompitu tal-Qorti tal-Appell li tirrevedi dawk il-konklużjonijiet. Jekk wieħed anke janalizza s-sentenza ta' dik il-Qorti, jidher ċar li din stħarrġet il-lanjanzi kollha tar-konvenuti f'dik il-kawza liema lanjanzi prattikament l-istess rikorrenti qed jerġgħu jipproponu **f'din il-kawża**. Naturalment mhux kompitu tal-Qorti illi tfittex hi, fejn ir-rikorrenti stess ma jindikawx, xi raġuni biex tkun tista' tiddikjara li l-proċess in kwistjoni wassal għal xi ksur tal-provvedimenti li l-istess rikorrenti qed jindikaw.

"Għalhekk il-Qorti trid tara jekk id-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell (u tal-Qorti tal-Maġistrati billi dik is-sentenza hija konfermata) irristrinġietx il-liberta tal-espressjoni tar-rikorrenti. Hawn tajjeb wieħed jgħid li tista' tgħid bħal kull dritt fundamentali dan id-dritt mhuwiex bla limiti u l-istess artikoli msemmija mir-rikorrenti huma segwiti minn paragrafi illi jiddeskrivu kif."

**12.** Hawnhekk l-ewwel Qorti ċċitat mis-sentenza **Verdius and Aase v. Norway** tal-Qorti Ewropeja u ssoktat tgħid u tikkonkludi:

"Illi l-artiklu in kwistjoni jiftah billi l-awtur isemmi film li kien ra ftit qabel dwar kif kienet taħdem il-Pulizija Sigrieta tal-Ġermanja tal-Lvant – il-famigerata Stasi; imbagħad jaqleb għal dak li ried jitkellem dwaru, u ċjoe' li l-konvenut Dottor Falzon ħassu urtat minn *e-mail* anonima li kien irċieva u rraporta dwar dan lill-Kummissarju tal-Pulizija. Jikkritika ħafna dan il-fatt u jgħid li l-persuna li bagħtet l-*e-mail*

spiċċat biex ġiet investigata mill-Pulizija illi kkonfiskat il-*computer* tagħha għal xi jiem. Saqsa allura kif ġja' ngħad jekk Dr. Falzon *'użax'* il-Pulizija kontra avversarju politiku tiegħu. L-awtur jikkritika ħafna lill-Kummissarju tal-Pulizija li aġixxa fuq dak li qallu Dr. Falzon bil-mod imsemmi u jgħid li l-Ministru tal-Intern għandu jinvestiga dak li ġara. Fil-verita' l-Kummissarju huwa soġġett tal-kritika tal-awtur daqs jekk mhux aktar minn Dr. Falzon.

"Illi din il-Qorti ma tasalx biex tgħid li l-kelma *"uses"* tfisser *'immanipula'* kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati madankollu xorta timplika element ta' abbuż fil-kuntest tal-artikolu. Fir-rigward ta' Dr. Falzon il-kritika tal-artiklu hija fis-sens li huwa approfitta ruħu mill-fatt li kien Deputat Mexxej ta' partit politiku ewlieni biex jagħmel pressjoni fuq il-Pulizija ħalli jittieħdu dawk il-passi u jiġi persgwitat ċittadin innoċenti. Fil-verita' kull min iħoss li sar xi reat fil-konfront tiegħu għandu dritt illi jirraporta lill-Pulizija u sta imbagħad għall-istess Pulizija li tieħu l-passi jew le skond il-każ. Anke r-riferenza għal Stasi fil-bidu tal-artikolu, għalkemm ma hijiex b'riferenza diretta għal Dr.Falzon xejn ma hija feliċi u fil-moħħ tal-qarrej twassal xebħ li għalkemm forsi ma kienx intenzjonat iħalli impressjoni ta' azzjoni simili għal oħra.

"Illi kollox ma' kollox għalhekk il-Qorti ma tħossx li ssentenzi lamentati kisru d-dritt tal-espressjoni tar-rikorrenti għaliex fl-artikolu in kwistjoni dawn naqsu li jżommu lbilanċ bejn l-espressjoni ta' dak id-dritt u d-drittijiet ta' terzi – anke jekk it-terz involut huwa persuna pubblika u ċertament soġġetta għall-kritika ħafna aktar minn ċittadin privat u li ċertament anke fl-isfond ta' sentenzi riċenti anke l-Qrati tagħna u mhux biss dawk Ewropej huwa aċċettat li persuna pubblika għandha tkun lesta li toqgħod għall-kritika u skrutinju tal-*media* ħafna aktar minn waħda privata (ara per eżempju s-sentenza riċenti tal-Qorti tal Appell fl-ismijiet **"Dottor Louis Galea vs Joseph Mifsud"**)."

**L-appell tar-rikorrenti Perit Michael Falzon u Saviour Balzan**

**13.** Ir-rikorrenti Perit Michael Falzon u Saviour Balzan ħassewhom aggravati bis-sentenza fuq imsemmija tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Marzu 2012 u b'rikors tat-18 ta' April 2012 appellaw minnha quddiem din il-Qorti u talbu li din il-Qorti tirriforma, tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tħassarha u tirrevokaha inkwantu laqgħet it-tieni (markata 2.1) u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat appellat l-Avukat Dottor Michael Falzon u t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-intimat appellat l-Avukat Ġenerali u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u minflok tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-intimati appellati.

**14.** Il-Qorti ma hix ser issegwi n-numerazzjoni tal-aggravji kif mogħtija fir-rikors tal-appell għaliex din ma tantx hi waħda razzjonali tant li wara li l-appell jelabora diversi aggravji f'dak li jidher kellu jkun l-ewwel aggravju l-appell jaqbeż għal dak li l-appell isejjaħ it-tielet aggravju minghajr ebda preċiżazzjoni ta' x'inhu, skont l-appellanti, it-tieni aggravju. Fil-fehma tal-Qorti, l-aggravji tal-appellanti jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

**15.** Inkwantu għal-lanjanza dwar vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal-liberta` ta' espressjoni:

1) Il-mertu tal-proċeduri odjerni jikkonsisti f'opinjoni bażata fuq fatti li ġew pruvati u qatt ma ġew kontradetti mill-appellati u li biha r-rikorrent Perit Falzon qajjem diversi mistoqsijiet u ħsibijiet dwar ċirkostanzi li kienu ġew żvelati pubblikament minn terzi u li kienu jqajjmu temi ta' interess pubbliku li f'demokrazija huma ta' importanza kbira u li dwarhom hu sewwa li jitqajjem dibattitu soċjali;

2) meta huma nstabu ħatja ta' libell bis-sentenzi relevanti l-qrati ppretendew li l-opinjoni u l-mistoqsijiet fuq imsemmija jiġu pruvati, mentri l-Qorti ma għandhiex tistħarreġ jekk l-opinjoni pubblikata tammontax għal libell jew le iżda biss jekk is-sejba ta' ħtija li huma llibellaw lill-appellat tivvjolax il-liberta` ta' espressjoni billi f'opinjoni ma għandux jiġi mġiegħel jipprova l-fatt ta' ġrajja, u inoltre li l-kritika dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali hija

permessa f'soċjeta` demokratika anke jekk din il-kritika tolqot individwi;
3) l-ewwel Qorti żbaljat meta assumiet li la darba l-istess eċċezzjonijiet li tqajmu quddiem il-qrati ta' kompetenza ordinarja tqajjmu wkoll quddiem l-ewwel Qorti allura l-lanjanzi relevanti jwasslu għal reviżjoni mill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali tal-konklużjonijiet tal-qrati ta' kompetenza ordinarja u dan peress li l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ordinarja kienu obbligati jistħarrġu mil-lenti tal-liġi dwar il-libell, mentri l-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali l-istħarriġ tagħhom iridu jagħmluh mil-lenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja.

4) il-kritika waħeda ma hix biżżejjed bl-istħarriġ kostituzzjonali sabiex twassal għal nuqqas ta' bilanċ bejn id-dritt tal-espressjoni u r-reputazzjoni ta' persuni pubbliċi iżda dik il-kritika trid tiġi kkunsidrata fil-kuntest ta' jekk dik il-kritika hijiex permessa f'soċjeta` demokratika anki jekk tikkritika negattivament figuri pubbliċi u anki jekk dik il-kritika ma tkunx waħda feliċi u tkun iddejjaq.

**16.** Inkwantu għal-lanjanza dwar vjolazzjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq ir-rikorrenti jippreċiżaw li dan l-ilment tressaq *in subsidium* tal-ilment tagħhom dwar leżjoni tad-dritt tagħhom għal-liberta` ta' espressjoni u f'dan ir-rigward l-aggravji tagħhom jikkonsistu filli:

1) isostnu li l-ilment tagħhom dwar vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq ma ġiex kkunsidrat mill-ewwel Qorti;

2) li ġew assoġġettati għal kummenti żejda u superfluwi mingħar ma dawn jeżistu fl-atti u li ġew kundannati mill-Qorti fuq din il-bażi ma hux aċċettabbli;
3) il-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx ġustifikata tordna l-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet finali ppreżentata tardivament mill-appellant Perit Michael Falzon peress li r-ritard kien dovut għall-fatt li l-istess appellant kien ġie notifikat bin-nota tal-osservazzjonijiet tal-parti avversarja ftit qabel ma skada t-terminu konċess lilu (lill-appellant Perit Michael Falzon) waqt li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) injorat l-appell tiegħu fuq daqshekk.

## Ir-risposta tal-intimati għall-appell

*Ir-risposta tal-Avukat Dottor Michael Falzon*

**17.** Fir-risposta tiegħu tal-4 ta' Mejju 2012 għar-rikors tal-appell, l-intimat Avukat Dottor Michael Falzon wieġeb li l-appell kellu għalhekk jiġi miċħud a spejjeż tal-appellanti peress li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u rribatta għall-aggravji tal-appellanti sostanzjalment kif ġej:

--- il-qrati fil-kompetenza ordinarja tagħhom kienu qiegħdin jaġixxu fl-ambitu tal-liġi meta taw is-sentenzi li minnhom jilmentaw l-appellanti li ma ntavolawx dawn il-proċeduri sabiex tiġi annullata liġi iżda għaliex ħassew li l-artikolu inkwistjoni ma kienx libelluż mentri kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti ma humiex Qorti tat-tielet grad peress li ma hix il-funzjoni tagħhom li jiddeċiedu jekk qrati oħra ddeċidewx il-kawżi sewwa jew le, iżda biss jekk tali deċiżjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali;

--- l-appellanti jippruvaw jgħidu li l-artikolu inkwistjoni jikkonsisti f'sensiela ta' *value judgments* u dan peress li wieħed ma jistax jagħmel il-prova tal-verita` ta' tali *value judgments* mentri l-istess artikolu mhux *value judgment* jew opinjoni msejsa fuq bażi sodi iżda huwa kostruzzjoni ta' storja fuq episodju, liema storja kienet qegħdha tinbiegħ bħala fatt u li kienu jolqtu mhux biss il-kredibilita` tal-appellat iżda l-essenza tal-messaġġ politiku tiegħu li huwa msejjes fuq it-tħaddim tal-prinċipji demokratiċi u s-saltna tad-dritt;

--- is-sentenzi li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti ma naqsux li jżommu l-bilanċ bejn id-dritt tal-espressjoni u d-drittijiet ta' terzi anke jekk it-terz huwa persuna pubblika u inkwantu tali soġġetta għal kritika ħafna aktar minn ċittadin privat;

--- l-artikolu inkwistjoni oltrepassa l-limiti ta' dak li hu aċċettabbli f'soċjeta` demokratika minkejja l-marġini wiesa' li għandu ġurnalist meta jikkritika politiku;

--- inkwantu għall-aggravji dwar smiegħ xieraq, iż-żewġ qrati, dik tal-ewwel istanza u dik tal-appell, ma rraviżaw ebda allegazzjonijiet li ma kienux jidħlu taħt in-normali apprezzament tal-fatti mressqa quddiem id-diversi qrati waqt li għar-rigward tal-isfilz tan-nota ta’ osservazzjonijiet, apparti li tali sfilz kien ġustifikat, dan ma kellux effett deċiżiv meta jiġi analiżżat fil-kuntest tat-totalita` tal-proċeduri peress li kemm il-Qorti tal-Maġistrati kemm il-Qorti tal-Appell kienu jafu x’kienu l-linji difenzjonali tal-Perit Falzon u dan wara li semgħu l-partijiet kollha inkawża.

*Ir-risposta tal-intimat Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali*

**18.** L-intimat Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali wieġeb għar-rikors tal-appell billi sostna li s-sentenza appellata kienet ġusta u ekwa u timmerita tiġi konfermata u li l-aggravji mressqa mill-appellant huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti u li għalhekk l-appell kellu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

*Ir-risposta tal-intimat Avukat Ġenerali*

**19.** L-Avukat Ġenerali wkoll wieġeb li l-appell kellu jiġi miċħud u s-sentenza apellata konfermata u dan peress li:

--- l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li s-sede kostituzzjonali hi ta’ natura straordinarja u ma hi bl-ebda mod intiża bħala Qorti ta’ reviżjoni tal-qrati ordinarji ħlief jekk jiġi riskontrat xi nuqqas serju li jwassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali mentri l-appellanti qed jilmentaw biss għaliex sempliċement ma jaqblux mas-sentenzi li ngħataw fil-konfront tagħhom;

--- l-ewwel Qorti kienet korretta meta rriteniet li l-appellant Perit Michael Falzon kien mar oltre dak li seta’ jitqies bħala kritika peress li bil-kummentarju tiegħu ta x’jifhem li Dr. Michael Falzon kellu jew eżerċita xi tip ta’ kontroll fuq il-Kummissarju tal-Pulizija mentri mill-provi prodotti tali influwenza jew kontroll ma tirriżultax;

--- anki jekk, *dato ma non concesso*, kien hemm xi nuqqas fl-inċident fejn il-Qorti tal-Maġistrati ordnat l-isfilz tan-nota tal-osservazzjonijiet ippreżentata tardivament il-Qorti tal-Appell ma sabet xejn mhux floku fl-aġir ta' dik il-Qorti u l-fatt li l-Qorti tal-Appell ma qablitx mal-appellanti dan ma jagħti lok għal ebda ilment ta' nuqqas ta' smegħ xieraq.

**Fatti tal-kawza**

**20.** Fis-6 ta' Mejju 2007 l-intimat Avukat Dottor Michael Falzon għamel diskors politiku fir-Rabat, Malta, li permezz tiegħu nforma lill-pubbliku preżenti li kien irċieva ittri anonimi u ittri elettroniċi (*e-mails)* u li bihom kien mar għand il-pulizija. Dr. Falzon kien talab appuntament mal-Kummissarju tal-Pulizija biex ikellmu u eventwalment kien mar ikellmu u talbu jinvestiga l-kontenut ta' ittra li Dr. Falzon kien jirritjeni inġurjuża fil-konfront tiegħu u li kienet mimlija theddid. Dr. Falzon informa lill-Kummissarju li kien irċieva wkoll xi *e-mail* u l-Kummissarju talbu jikkonsenjalu l-*e-mail*. Dr. Falzon hekk għamel xi jiem wara. Il-Kummissarju tal-Pulizija rrefera l-ittra u *e-mail* għall-investigazzjoni min-naħa tas-CID. Fil-kors tal-laqgħa li kellu ma' Dr. Falzon, il-Kummissarju staqsa lil Dr. Falzon kellux suspett f'xi ħadd iżda Dr. Falzon qatt ma urih li kellu tali suspett. Huwa saqsa wkoll lil Dr. Falzon kienx fi ħsiebu jipproċedi fil-konfront tal-persuna li jirriżultalhom responsabbli u dan peress li r-reati ppotiżżati kienu jirrikjedu l-kunsens tal-parti inġurjata[2]. Dr. Falzon qal lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jimxi dwar min ikun responsabbli għall-ittri anonimi u għall-*e-mails* anonimi li kien qed jirċievi jkun min ikun[3]. Il-Kummissarju ma kienx involut personalment fl-indaġini kondotta mill-pulizija u ċaħad li qatt indika lill-pulizija li kien hemm xi insistenza żejda da parti ta' Dr. Falzon u ċaħad li fil-fatt kien hemm tali insistenza minn Dr. Falzon. Żied jgħid li l-unika komunikazzjoni li seta' kellu mal-investigaturi kienet biss biex Dr. Falzon jiġi infurmat bl-eżitu tal-investigazzjoni[4].

---

[2] Ara depożizzjoni Kummissarju tal-Pulizija fol. 25-26 tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati
[3] Depożizzjoni Dr. Michael Falzon, fol. 18 tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati
[4] Ara depożizzjoni Kummissarju tal-Pulizija *loc. cit.*

**21.** Wara d-diskors pubbliku ta' Dr. Michael Falzon tas-6 ta' Mejju 2007 l-appellant Perit Michael Falzon kiteb artikolu fil-ġurnal 'Maltatoday' tat-13 ta' Mejju 2007 li ġie ppubblikat taħt it-titolu "*Policing one's enemies*". In segwitu għal din il-pubblikazzjoni, l-intimat Dr. Falzon fetaħ kawża ċivili kontra l-appellanti l-Perit Michael Falzon, artikolist, u Saviour Balzan, editur tal-ġurnal imsemmi, sabiex iħallsuh id-danni talli immalafamawh bil-għan ċar li jtellfulu jew inaqqsulu r-reputazzjoni tiegħu.

**22.** Fil-kors tal-imsemmija proċeduri l-Avukat Dottor Michael Falzon indika s-siltiet tal-artikolu msemmi li fil-fehma tiegħu kienu libellużi fil-konfront tiegħu u beda mit-titolu stess tal-artikolu. Il-Perit Falzon indika wkoll l-ewwel paragrafu tal-istess artikolu li fih l-appellant Falzon għamel riferenza għal film li l-istorja tiegħu tiżvolġi fil-belt ta' Berlin tal-Lvant li kienet tiġi sorveljata mill-aġenti sigrieti tedeski tal-Aġenzija Stasi li kienet fiċ-ċentru tal-istorja rakkontata li kienet tikxef l-imġieba disgustanti tal-Aġenzija msemmija. Dr. Falzon kompla jindika s-segwenti bħala libellużi fil-konfront tiegħu.

**23.** Wara li l-artikolu jkompli jgħid li l-pulizija hija ntiża biex tassikura li n-nies josservaw il-liġi, biex tħares lin-nies u lill-proprjeta`, l-artikolu jkompli kif ġej:

*"Using the police in a different context and for the purpose of controlling people's freedoms is the basic notion of the typical police state, even if you insert the word 'democratic' in your country's official title."*

**24.** Isegwu imbagħad diversi siltiet oħra li ġew indikati mill-Avukat Dottor Falzon bħala libellużi fil-konfront tiegħu u ċioe` s-segwenti siltiet:

*"I say this with deep regret, but I can only be seriously perturbed by the ease with which MLP Deputy Leader Michael Falzon persuaded the Commissioner of Police to investigate the source of a trivial and unimportant anonymous e-mail that he had received. More so, when this e-mail could only have been misguidedly considered 'suspicious', and even then in an absoloutely far-fetched*

*way, in the context of the infighting and internal feuds within the MLP.*

*"According to what Dr. Michael Falzon said, the Police Commissioner – who apparently is on familiar first name speaking terms with Dr. Falzon – asked whether he would proceed in the same fashion whether the culprit eventually proved to by X or Y; implyhing that the Commissioner was offering to act in a discriminatory way according who the 'guilty' person was.*

*"Matters are even more worrying because when the police successfully traced the original writer and dispatched the e-mail, they impounded his computer and obliged him to go and sign daily at the Police Headquarters even though he was not accused of any crime.*
*"Has not MLP Deputy Leader Michael Falzon successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent, law-abiding private citizen whom he suspected could be a political enemy? And has not somebody in the police force abused of his powers by condescending to do this for the advantage of the the faction led by Michael Falzon in the MLP's internal squabbles? Why should the police force interfere in Labour's internal politics where, it is obvious, there are too many cooks spoiling the broth?*

*- omissis -*

*"Yet the ease with which the MLP Deputy Leaders phones him up to complain, and – even worse – the ease with which this leading politician is provided with a service that cannot be linked in any way with the pursuit of 'criminality' – as we know it – makes one wonder.*

*- omissis –*

*"These events seem to indicate that within Labour there are people who can influence and interfere in decisions taken by the Police Force.. This is happening when they are still in Opposition. Asking what would happen in this areal, once they are in government is, therefore, a legitimate question.*

*- omissis -*

*"So what is the Government doing aboujt this? Does the MLP Deputy Leader who happens to be my namesake, carry more wieght and influence with the Commissioner of Police than the Deputy Prime Minister who is politically responsible for the Police Force?*

*- omissis -*

*"I firmly believe that Tonio Borg should set up a high-powered inquiry with the specific task of getting to the bottom of this sordid soap opera. He owes it to those who dedicated the best years of their life to ensure the personal freedom of each and every citiżen of Malta. He owes it to all present and future Maltese citizens who did not live the past – so that they will live a future where no one controls their freedom and hence their lives."*

**25.** Inkwantu għall-ilment dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq, fil-kors tal-proċeduri ċivili ta' libell fil-Qorti tal-Maġistrati, wara li nstemgħu l-provi tal-partijiet, dik il-Qorti tat lill-Avukat Dr. Michael Falzon, attur f'dik il-kawża, żmien sas-26 ta' Frar 2010 sabiex jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub bil-visto tal-kontroparti, u ċioe` tal-appellanti, konvenuti f'dik il-kawża, il-Perit Michael Falzon u Saviour Balzan. Dawn tal-aħħar ingħataw sas-26 ta' Marzu 2010 għan-nota risponsiva. L-Avukat Dr. Michael Falzon ippreżenta n-nota tiegħu fis-26 ta' Frar 2010 iżda filwaqt li pprokura l-visto ta' Dr. Philip Manduca, li kien qiegħed jippatroċina lil Saviour Balzan, dakinhar tal-preżentata tan-nota[5], il-visto daparti u n-notifika ta' Dr. William Cuschieri, li kien qiegħed jippatroċina lill-Perit Falzon, ġew prokurati biss fil-11 ta' Marzu 2010, wara l-preżentata tal-istess nota. Il-Perit Falzon imbagħad ippreżenta n-nota responsiva tiegħu wara l-iskadenza tat-terminu lilu mogħti, u ċioe` wara 26 ta' Marzu 2010. Per konsegwenza, il-Qorti tal-Maġistrati *ex-officio* ordnat l-isfilz tan-nota responsiva tal-Perit

[5] Ara fol. 93 tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati

Falzon minħabba li kienet ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu prefiss.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Preliminari*

**26.** L-appellanti jallegaw vjolazzjonijiet tal-Artikoli 41 u 39 tal- Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 10 u 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali..

***L-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni***

**27.** L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jħares id-dritt fundamentali tal-individwu għal-liberta` ta' espressjoni inkluż il-liberta` għall-opinjoni u li jirċievi u jagħti informazzjoni mingħajr interferenza mill-awtorita` pubblika u jipprovdi kif ġej:

"ARTIKOLU 10

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.

"(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura."

**28.** Ma ġiet sollevata ebda kwistjoni dwar li l-kundanna tal-appellanti u l-piena inflitta fuqhom kienet tammonta

għal interferenza minn awtorita` pubblika mad-dritt tagħhom għal-liberta` ta' espressjoni. Id-dritt għal-liberta` ta' espressjoni, iżda, iġġib miegħha dmirijiet u responsabbilitajiet li jistgħu jiddettaw il-ħtieġa tar-restrizzjonijiet li għalihom hemm riferenza fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 imsemmi sakemm dawk ir-restrizzjonijiet ikunu konformi mal-kriterji elenkati fl-istess paragrafu. Dawn il-kriterji jikkonsistu filli r-restrizzjoni trid tkun preskritta b'liġi u meħtieġa f'soċjeta` demokratika fl-interess ta' xi wieħed mill-għanijiet speċifikati fil-paragrafu msemmi.

**29.** Huwa paċifiku bejn il-partijiet li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kienet interferenza mill-awtorita` pubblika mad-dritt għal-liberta` ta' espressjoni tal-appellanti. Jibqa' għalhekk li jiġi determinat jekk dik l-interferenza kinitx preskritta b'liġi u meħtieġa f'soċjeta` demokratika fl-interess ta' xi għan leġittimu skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Ma tqajjmet ebda kwistjoni li r-restrizzjoni li r-rikorrenti ġew sottomessi għaliha hi preskritta b'liġi u di fatti kjarament temerġi mill-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta) li fis-subartikolu (1) tiegħu jipprovdi kif ġej:

"**28.** (1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)."

Fost il-mezzi msemmija fl-Artikolu 3 tal-Att dwar l-Istampa hemm, appuntu, il-mezz ta' stampat bħal fil-każ oderjn.

**30.** Jonqos għalhekk li jiġi determinat jekk dik l-interferenza kinitx meħtieġa f'soċjeta` demokratika fl-interess ta' xi għan leġittimu skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

**31.** Trattandosi ta’ eżerċizzju tad-dritt ta’ espressjoni bil-mezz tal-istampa din il-Qorti tirriafferma l-funzjoni essenzjali tal-istampa f’soċjeta` demokratika. L-istampa għandha d-dover li tikkomunika informazzjoni u ideat fuq materji ta’ interess pubbliku. Dan id-dover jestendi mhux biss għal informazzjoni jew ideat favorevoli, inoffensivi jew newtrali u indifferenti iżda wkoll għal informazzjoni jew ideat li jistgħu joffendu, jixxokkjaw jew jinkwetaw. Saħansitra l-liberta` tal-istampa tammetti wkoll element ta’ esaġerazzjoni jew provokazzjoni[6]. Jibqa’ l-fatt, izda, li l-istampa ma tistax teċċedi ċerti limiti u trid teżerċita l-funzjoni tagħha konsistentement mal-obbligi u r-responsabbilitajiet tagħha partikolarment lejn ir-reputazzjoni u d-drittijiet ta’ ħaddieħor.

**32.** Dawn il-limiti huma usa fir-rigward ta’ persuni attivi fil-politika waqt li jkunu jaġixxu fil-kapaċita` pubblika tagħhom milli huma fir-rigward ta’ individwi privati peress li persuna attiva fil-politika għandha tkun konsapevoli li minħabba l-pożizzjoni li tkun daħlet għaliha ser tkun kontinwament taħt l-iskrutinju u esposta għall-kritika anki ħarxa tal-pubbliku u tal-istampa u ser tkun meħtieġa tagħti rendikont tal-għemil tagħha. Dan ma jfissirx li persuni mpenjati fil-politika ma għandhomx dritt għall-ħarsien tar-reputazzjoni tagħhom anki meta jaġixxu fil-kapaċita` pubblika tagħhom għaliex anki f’ċirkostanzi tali dritt għal-liberta` ta’ espressjoni ma hux assolut iżda hu arġinat bil-limiti tar-raġonevolezza u tal-proporzjonalita`. Ifisser, għalhekk, li f’dawn iċ-ċirkostanzi l-ħarsien tad-dritt għal-liberta` ta’ espressjoni ta’ persuna attiva fil-politika meta taġixxi fil-kwalita` pubblika tagħha jrid jiġi bilanċjat ma’ l-interessi ta’ diskussjoni aperta ta’ kwistjonijiet politiċi għaliex l-eċċezzjonijiet għal-liberta` ta’ espressjoni jridu jiġu interpretati b’mod restrittiv.

**33.** Meta jsir l-eżerċizzju biex jiġi determinat jekk l-interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt għal-liberta` ta’ espressjoni kinitx waħda meħtieġa f’soċjeta` demokratika trid issir distinzjoni bejn fatti u opinjonijiet, kumment jew *value judgments*. F’soċjeta` demokratika persuna ma

[6] **Prager and Oberschloick v. Austria**, ECHR 26/4/1995 #38; **Lopes Gomes da Silva v. Portugal**, ECHR 28/12/2000 #34

għandhiex tigi penalizzata għaliex tesprimi opinjoni jew *value judgment* u dan għar-raġuni li opinjonijiet u ġudizzji bħal dawn ma humiex passibbli ta' apprezzament biex jiġu ritenuti veritjieri o meno. Iżda anki dikjarazzjoni jew stqarrija konsistenti f'*value judgment* tista', meta meqjusa l-proporzjonalita` tal-interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt għal-liberta` ta' espressjoni, tkun eċċessiva partikolarment meta dak il-ġudizzju jkun nieqes minn dak is-sottostratt ta' fatti biżżejjed sabiex isostni dak il-ġudizzju[7].

**34.** Wara li ġew premessi l-prinċipji regolatorji tal-materja li għandha quddiemha din il-Qorti jeħtieġ li f'dan l-istadju dawn jiġu applikati għall-fatti speċi partikolari tal-każ odjern.

**35.** L-aggravji tal-appellanti jistgħu jiġu rikapitolati f'aggravju wieħed komprensiv li jgħid li l-appellanti jsostnu li l-artikolu li minnu ilmenta l-intimat appellat Avukat Falzon kien jikkonsisti in parti f'fatti sostanzjalment veri u in parti f'opinjoni, kumment jew *value judgment* dwar persuna li tokkupa kariga pubblika u li għalhekk għandha tkun aktar tolleranti minn ħaddiehor tal-kritika li ssirilha.

**36.** Fid-dawl tal-prinċipji ġia` esposti jirriżulta li filwaqt li hu minnu li hu meħtieġ li tinżamm distinzjoni bejn fatti li huma passibbli ta' prova u opinjoni, kumment jew *value judgment* li ma humiex passibbli ta' tali prova, fl-istess ħin jirriżulta daqshekk veru wkoll li ħadd ma jista' jinħeba wara l-protezzjoni li tingħata lill-opinjoni jew *value judgment* sabiex jimputa lil ħaddieħor fatti li ma humiex veri anki jekk dak il-ħaddieħor huwa persuna pubblika u addirittura attiva fil-politika. Għalhekk jeħtieġ li qabel xejn jiġi determinat jekk kienx hemm fatti attribwiti lill-intimat appellat Avukat Falzon li ġew identifikati mill-Qrati kompetenti bħala mhux veri jew mhux pruvati u li minħabba fihom l-appellanti nstabu responsabbli li mmalafamaw lill-intimat appellat Avukat Falzon u li konsegwentement ġew kundannati jħallsuh danni. Dan l-eżerċizzju jrid neċessarjament jinkludi apprezzament ta'

[7] **De Haas and Gijsels v. Belgium**, ECHR 24/2/1997, # 47; **Prager and Oberschlick v. Austria**, ECHR 26/4/1995, # 33; **Jerusalem v. Austria**, ECHR 27/2/2001, # 43

jekk il-karatteriżżazzjoni tal-fatti inkwistjoni bħala fatti kinitx waħda korretta jew jekk dak li l-Qrati identifikaw bħala fatti kinux effettivament opinjoni, kumment jew *value judgment* u dan għaliex l-appellanti jsostnu li huma ġew fil-fatt penalizżżati għall-*value judgments* tagħhom u mhux għaliex attribwew lill-intimat Avukat Falzon fatti mhux veri.

**37.** Inkwantu għall-fatti identifikati bħala attribwiti mill-appellanti lill-intimat appellat Avukat Falzon din il-Qorti ser tistrieħ fuq kif dawn ġew stabbiliti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) peress li hi s-sentenza finali li tikkristalizżża u tissiġġilla finalment dak misjub mill-Qrati u li jkun immotiva l-istess deċiżjoni finali li setgħet kkoreġiet xi inkongruwenzi jew stravaganzi fid-diċitura tas-sentenza appellata. Dan hu l-iskop kollu tar-rimedju ta' appell.

**38.** Għandu qabel xejn jiġi rilevat, f'dan il-kuntest, li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kienet ben konsapevoli tad-distinzjoni li trid tinżamm bejn fatt u *value judgment* jew opinjoni jew kumment, u bil-konsegwenzi ġuridiċi li jemerġu minn din id-distinzjoni fir-rigward tad-dritt fundamentali għal-liberta` ta' espressjoni, kif kienet ukoll konsapevoli bil-ħtieġa li lill-ġurnalist tinagħtalu marġini ta' tolleranza aktar wiesgħa fil-konfront ta' persuna pubblika, tant li bdiet il-kunsiderazzjonijiet tagħha kif ġej:

"Jibda biex jiġi reġistrat in linea preliminari illi dak li kellu jiġi deċiż mill-ewwel Qorti kien jikkonsisti sostanzjalment f'dan li ġej:

"1. Jekk il-fatti ġewx pruvati bħala li jikkorrispondu għall-verita';

"2. Jekk, anke tenut kont tal-latitudini wiesgħa tal-marġini ta' tolleranza fil-konfront ta' persuna pubblika, il-kumment jew il-kritika kienux hekk leċiti di fronte għall-attur."

U sussegwentement żiedet tistqarr ukoll li:

"Bla dubju in linea ta' massima ġenerali ħadd ma jista' jinkolpa lill-artikolist kieku, una volta jirrapporta

korrettement iċ-ċirkostanzi ta' fatt, jikkummenta u jikkritika, anke jekk bi kliem vivaċi jew aspru, l-aġir tal-persuna kritikata. Dan għaliex hu ben rikonoxxut illi d-dritt tal-kumment jew tal-kritika hu ritenut leġittimu, ukoll fejn il-kliem ikunu ħorox u punġenti; jew ukoll, insultanti, fejn ikun determinat illi l-kumment jew il-kritika huma koerenti għall-fatti u għall-ġudizzju espress."

**39.** Bħala fatti attribwiti mill-appellant Perit Falzon lill-appellat Avukat Falzon il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) stabbiliethom bħala li kienu s-segwenti:

"1. Apparti l-inferenza li jigbed b'paragun mill-metodi tal-pulizija sigrieta (l-iStasi) tal-Germanja tal-Lvant, l-artikolist jitlaq mill-punt illi l-attur uza l-Pulizija "*for the purpose of controlling people's freedoms*" tipika ta' stat polizzjesk;

"2. L-attur ezercita pressjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija "*to investigate the source of a trivial and unimportant anonymous e-mail that he had received*";

"3. Evidentement minhabba l-familjarita` mal-Kummissarju tal-Pulizija, l-attur "*successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent law abiding citizen whom he suspected could be a political enemy*" u dan ghall-vantagg tal-fazzjoni tieghu "*in the MLP's internal squabbles*";

"4. "*The ease with which the MLP Deputy Leader phones him up*" (lill-Kummissarju) u avvenimenti ohra huma indikattivi illi "*within Labour there are people who can influence and interfere in decisions taken by the Police Force*";

"5. Issokta jigi mistoqsi mill-artikolist "*Does the MLP Deputy Leader who happens to be my namesake carry more weight and influence with the Commissioner of Police than the Deputy Prime Minister who is politically responsible for the Police Force*". F'dan il-kuntest huwa ghadda biex jesprimi l-fehma tieghu illi Tonio Borg imessu jaghmel inkjesta fir-rigward;"

**40.** Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) imbagħad għaddiet biex tissentitiżża sommarjament l-attribuzzjonijiet premessi billi rriteniet li l-appellant Perit Falzon b'hekk "assuma ċertu fatt – dak tal-użu tal-persważjoni jew tal-pressjoni mill-attur, *qua* Deputat Mexxej ta' Partit fuq il-Kummissarju tal-Pulizija għal fini li jikkontrolla *"people's freedoms"* – għal kollox gratuwitu, u in konnessjoni miegħu għamel attakk kontra l-attur li, fil-fehma tal-Qorti, jeċċedi l-limiti tal-kumment ġust jew tal-kritika leċita.".

**41.** Mill-premess jirriżulta ampjament li l-Qrati relevanti sabu lill-appellant Perit Michael Falzon risponsabbli li attribwixxa lill-appellat Avukat Falzon fatti li ma rriżultawx veri u li di piu` eċċeda l-limiti tal-kumment ġust jew tal-kritika leċita fir-rigward ta' dawk il-fatti.

**42.** L-appellanti jsostnu illi l-artikolu inkwistjoni kien biss espressjoni ta' opinjoni u kritika leġittima. Il-Qorti eżaminat akkuratament l-istess artikolu abbinat mal-fatti li l-Qorti tal-Appell (Sede Ċivili) irriteniet li ġew allegati bħala fatt, u mhux biss bħala opinjoni jew *value judgment*, mill-appellant Perit Falzon fil-konfront tal-appellat Avukat Falzon u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-mod kif dik il-Qorti kkaratterizżat bħala fatti d-dikjarazzjonijiet relattivi fl-artikolu msemmi. Kienet perfettament leġittima l-konklużjoni ta' dik il-Qorti li b'diversi dikjarazzjonijiet li għamel il-Perit Falzon fl-istess artikolu dan kien stqarr, jew assuma, bħala fatt li l-Avukat Falzon kien eżerċita influwenza illeġġittima u abbużiva fuq il-pulizija, u fuq il-Kummissarju tal-Pulizija partikolarment, u ma kinitx irraġonevoli l-konklużjoni tagħha li dan il-fatt ma ġiex ippruvat mill-provi prodotti quddiemha.

**43.** L-appellanti jgħidu li l-Perit Falzon kien elenka numru ta' domandi u ħalla t-tweġiba għalihom f'idejn il-qarrej. Hu minnu li saret sensiela ta' domandi izda saru wkoll diversi affermazzjonijiet fl-artikolu msemmi li ma humiex f'forma ta' domanda iżda f'forma ta' affermazzjoni. Di fatti l-fatti affermati kif identifikati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) u li rriteniet li ma kienux ġew pruvati huma fl-artikolu inkwistjoni kollha f'forma ta' affermazzjonijiet ħlief ghal dawk enumerati minn dik il-Qorti bħala numru 3

u numru 5[8]. L-appellant Perit Falzon donnu jassumi li biżżejjed li fatt allegat tagħtih forma ta' domanda sabiex ma jibqax affermazzjoni ta' fatt iżda jsir *value judgment*. Dan ma hux il-każ[9]. Il-kostruzzjoni stess tas-sentenza *"Has not MLP Deputy Leader Michael Falzon successfully used the Police Force to control the freedom of an innocent, law abiding private citizen whom he suspected could be a political enemy?"* (sottolinear tal-Qorti) kjarament tinkludi fiha affermazzjoni ta' fatt u pależament tistieden risposta fl-affermattiv. L-istess hu l-każ fejn fl-artikolu hemm miktub *"Does the MLP Deputy Leader who happens to be my namesake carry more weight and influence with the Commissioner of Police than the Deputy Prime Minister who is politically responsible for the Police Force?"* Din ukoll kjarament ma hi xejn ħlief allegazzjoni ta' fatt taħt forma ta' domanda.

**44.** Inkwantu għall-ammont tad-danni likwidati mill-Qrati ċivili favur l-appellat Avukat Dottor Michael Falzon dawn ma jirrżultawx li kienu ta' xi entita` partikolarment severa tant li għalkemm l-appellanti Perit Michael Falzon u Saviour Balzan kienu t-tnejn appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ħadd minnhom ma lmenta mill-ammont tad-danni likwidati u, kif irrilevat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ħadd minnhom ma talab xi temperament fl-ammont ta' kumpens likwidat.

**45.** Din il-Qorti, għalhekk, ma ssibx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

***L-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni***

**46.** L-ewwel aggravju tal-appellanti dwar l-ilment tagħhom ta' vjolazzjoni tad-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq hu illi l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan l-ilment. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma għandhiex wisq xi tgħid għaliex mis-sentenza appellata dan jirriżulta manifestament u għalhekk din il-Qorti ser issa tirrimedja

---

[8] Ara par. 39 *supra*

[9] Ara **Pedersen and Baadsgaard v. Denmark**, ECHR Grand Chamber 17/12/2004 # 76 fejn ġie ritenut li *"the accusation ... although made indirectly and by way of a series of questions, was an allegation of fact suseceptible of proof."*

għal dan in-nuqqas tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tinvestih u tiddeċidieh f'dan l-istadju.

**47.** Inkwantu għall-mertu ta' dan l-ilment l-appellanti jsostnu fl-ewwel lok li huma nstabu responsabbli mill-Qorti tal-Maġistrati ta' libell a bazi ta' kummenti li huma qatt ma kitbu u anqas ppubblikaw waqt li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) naqset milli tikkunsidra dan l-aspett u ma tagħthomx rimedju xieraq.

**48.** Il-Qorti eżaminat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li minnha jilmentaw l-appellanti u l-motivazzjonijiet mogħtija fl-istess sentenza, u waqt li din il-Qorti hi tal-fehma li ntużaw certi espressjonijiet pjuttost ikkuluriti u anki xi ftit esaġerati fil-mod kif il-Qorti tal-Maġistrati esprimiet ruħha fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju 2010 ma jistax jingħad, kif jgħidu l-appellanti fir-rikors promotorju u fir-rikors tal-appell tagħhom, li l- Qorti tal-Maġistrati attribwiet lilhom allegazzjonijiet li ġew minnha "ivvintati".

**49.** Fi kwalunkwe każ, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), bil-mod sobriju, kważi kliniku, u spassjonat li bih esprimiet ruħha, irridimensjonat ċerti espressjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati li setgħu jitqiesu eċċessivi u b'hekk ċertament irrimedjat għal dak li seta jiġi meqjus bħala nuqqas fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk, kwalunkwe nuqqas fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati dovut għall-mod kif dik il-Qorti esprimiet ruħha ġie rimedjat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjurii) tas-6 ta' Ottubru 2010[10]. L-ilment tal-appellanti li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) injorat l-ilment tagħhom u kkonfermat ir-raġunament gratuwitu tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta għal kollox infondat, u anzi l-Qorti tal-Appell akkuratament enunċjat il-prinċipji legali li jirregolaw il-materja, eżaminat u evalwat bir-reqqa mill-ġdid il-provi prodotti u dan:

[10] Ara **Adolf v. Austria**, ECHR 26/3/1982 # 40; **Edwards v. The United Kingdom**, ECHR 16/12/1992

"… … mhux biss u sempliċiment biex tissodisfa lill-appellanti illi dak li ma għamlitx l-ewwel Qorti għamlitu hi, iżda wkoll biex, permezz tar-riferenza għall-kwadru sħiħ li ppreċeda u akkompanja l-pubblikazzjoni ta' l-artikolu, il-Qorti tara sa liema punt, u liema latitudini għandha tiġi konċessa lill-artikolist biex ma jkunx ritenut li bil-kliem u l-espressjonijiet minnu wżati ma skonfinawx mill-kampt tal-fair comment jew tal-kritika ġusta għal ġol-kamp ta' l-inġurja lebelluża[11]",

u ġibdet il-konklużjonijiet tagħha mingħajr ma straħet fuq dak li sabet il-Qorti ta' prim' istanza.

**50.** Aspett ieħor ta' dan l-ilment jirrigwarda l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati kienet *ex officio* ordnat l-isfilz tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-appellant Perit Michael Falzon li kienet *ex admissis* ġiet ippreżentata tardivament. Ma hemmx dubbju li l-Perit Michael Falzon kien skorrett meta qabad u ppreżenta n-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu tardivament mingħajr ma talab l-awtorizżazzjoni tal-Qorti għaldaqshekk. Huwa jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex kien tardiv fil-preżentata tan-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu u kieku dawn ir-raġunijiet huwa ġabhom a konjizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' rikors li bih jitlob l-estenzjoni tat-terminu lilu mogħti l-Qorti tal-Maġistrati setgħet kienet tkun indulġenti miegħu u takkordalu l-estenzjoni. Minflok, minn dan, l-appellant Perit Michael Falzon ma għamel xejn u r-raġunijiet tiegħu qiegħed iressaqhom issa meta l-Qorti tal-Maġistrati evidentement ma tista' tagħmel xejn dwarhom. Fi kwalunkwe każ anki dan l-allegat difett fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ġie ċertament rimedjat fit-tieni istanza quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferfjuri) peress li jirriżulta li f'dik l-istanza ż-żewġ appellanti fir-rikorsi tal-appell tagħhom kellhom l-opportunita`, li fil-fatt ampjament sfruttaw, sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet u osservazzjonijiet kollha li riedu jagħmlu dwar kull aspett tal-kawża nkluż dwar is-sottomissjonijiet li kienu saru bil-miktub mill-appellat Avukat Dottor Michael Falzon fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

---

[11] Sentenza Qorti tal-Appell (Sede Ċivili), 6 ta' Ottubru 2010

**51.** Din il-Qorti, ghalhekk, ma ssibx li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

***L-allegati vjolazzjonijiet tal-Artikoli 41 u 39 tal-Kostituzzjoni***

**52.** L-allegazzjonijiet ta’ vjolazzjoni tal-Artikolu 41 (protezzjoni ta’ liberta` ta’ espressjoni) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 31 (dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata protezzjoni tal-liġi) tal-Kostituzzjoni ma jagħtu ebda lok għal xi konsiderazzjonijiet ulterjuri apparti dawk li ġia` saru b’riferenza għall-allegati vjolazzjonijiet tal-Artikoli 10 u 6 tal-Konvenzjoni u għalhekk għall-istess raġunijiet li minħabba fihom din il-Qorti ma sabitx leżjoni tal-artikoli msemmija tal-Konvenzjoni anqas issib leżjoni tal-artikoli msemmija tal-Kostituzzjoni.

**53.** Għaldaqstant din il-Qorti ser tikkonferma s-sentenza appellata iżda biss għar-raġunijiet premessi li mhux neċessarjament jikkorrispondu għal kollox mar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza appellata.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tar-rikorrenti appellanti.

**Deċide**

Għall-motivi premessi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula f’din is-sentenza l-Qorti tiċħad l-appell tar-rikorrenti appellanti Perit Michael Falzon u Saviour Balzan u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------